**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha l-1 ta' Frar 2017**

**Talba Nru: 13/17 CZ**

**Supreme Travel Limited (C 16048)**

**vs.**

**Joseph Pisani (ID 529177 (M)**

## It-Tribunal,

Ra t-talba tas-socjeta' attrici fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundana lill-konvenut jirrifondi s-somma ta' elfejn, hames mija u tnejn u disghin Euro u tlettax-il centezmu (€2,592.13) rapprezentanti ammont eccessiv ta' paga u/jew sahra imhallsa lill-konvenut erronjament.

Illi ghalkemm il-konvenut huwa konsapevoli ta' dan, u gie interpellat formalment, huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi fis-seduta tal-lum l-1 ta' Frar 2017 deher il-konvenut assistit mill-avukat difensur tieghu, li prezenta nota li biha ammetta t-talba tas-socjeta' rikorrenti, kif dedotta.

Ra illi din il-kawza giet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Illi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba kif dedotta tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tat-talba sal-jum tal-hlas effettiv. L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

**Mary Josette Musu'**

**Deputat Registratur**